**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 226 (1) (a) (ii) (b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1) (a) u 15 (2) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**JOHN PAUL FARRUGIA**

**Illum, 31 ta' Mejju 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHN PAUL FARRUGIA**, iben Carmel u Mary Grace nee Camilleri, imwieled il-Pieta nhar il-24 ta' Lulju, 2011 u li joqghod gewwa 35, Madonnina, Triq il-Kenn, Safi u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 412581(M), gie mressaq quddiemha akkuzat:

Talli fil-disgha (9) ta' Novembru, 2011, ghal habta tas-sebgha u nofs neqsin hamsa ta' fil-ghodu (07.25am), fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG 856, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku tajjar lil Nicolina Debattista u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr J Zammit.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija l-Qorti ghandha tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan.

Rat l-affidavit ta' **PS 856 C. Falzon** mahluf nhar is-27 ta' Jannar, 2012 fejn kkonferrma li nhar id-9 ta' Novembru 2011, ghall-habta tas-07.30 a.m ircieva telefonata gewwa Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi fejn gie infurmat li kien ghadu kemm sehh incident tat-traffiku fejn mara sfat imtajra minn vettura.

Huwa flimkien ma kollega tieghu PC 254 mar fuq il-post fejn sab mara anzjana mixhuta ma l-art bid-demm hiereg minn naha ta' rasha u din kienet Nicolina Debattista kif ukoll mara li bdiet izommilha rasha fejn identifikat ruhha bhala tabiba. Fuq il-post kien hemm ukoll ix-xufier li kien tghajjar lil din il-mara certu Paul Farrugia kif ukoll xi nies li ngabru mal-madwar. Dak il-hin huwa cempel l-isptar Mater Dei u talab li tintbaghat ambulanza fuq il-post ghall-ghajnuna medika fejn ftit tal-hin wara giet nurse Marica Debono fejn hadet lil Nicolina lejn l-Isptar. Dak il-hin huwa ma setax ikellem lis-sinjura Debattista peress li ma kienitx f'kundizzjoni li setghet tikkomunika maghhom.

Wara huwa kellem lis-sur Farrugia fejn meta gie mistoqsi x'kien gara dan stqarr li waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot ta' lewn ahmar bin-numru ta' registrazzjoni JBG 856 mill-bypass tas-Siggiwi ezattament gewwa Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi direzzjoni lejn Haz Zebbug qasmitlu mara minn naha l-ohra tat-triq f'daqqa wahda u hu kiser f'daqqa ghal nofs it-triq sabiex jevitha hekk tindika l-hsarat fuq il-vettura tieghu u spicca biex laqatgha xorta wahda. Huwa stqarr illi dak il-hin waqaf u nizel mill-vettura u kif ra l-anzjana ma l-art cempel lit tabib sabiex jigi jinvistaha u ftit tal-hin wara gew il-pulizija. Is-sur Farrugia sostna illi l-vettura tieghu kien caqlaqha minn fejn sar l-impatt minhabba t-traffiku u l-kongestjoni li kien hemm. Wara li ha l-versjoni ta' John Paul Farrugia giet omm sid il-vettura ABL 659 tal-ghamla Toyota Corolla ta' lewn abjad fejn infurmatu illi b'kawza tal-incident kienet intlaqtet il-vettura tat-tifla taghha li x'aktarx ghamlitha l-anzjana b'rasha meta sfat imtajra,

b'konsegwenza li garbet ghafsa gol-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin. Ghaldaqstant huwa ghamel 'sketch' tal-incident u wara cempel l-isptar Mater Dei fejn tkellem ma Dr. Jonathon Zammit u meta staqsih kif kienet il-pazjenta Nicolina, dan qalli li kienet qed tbati minn griehi ta' natura hafifa u li ma kellhiex ksur u li ma kienitx tinsab fil-perikolu tal-mewt.

Nhar it-12 ta' Novembru 2011, ghal habta tal-17.00 huwa kellem lil Nicolina u staqsiha x'kien gara dak inhar tal-incident fejn din qalet li waqt li kienet qed taghmel il-mixja tas-soltu fil-bypass tas Siggewi marret biex taqsam ghax ma rat lil hadd u hekk kif appena qasmet, rat dawl  ta' karozza u pprovat thaffef il-pass, imma x-xufier lahaq hadha xorta wahda. Hi ziedet tghid li kienet ghada kemm tigi rikoverata gewwa l Isptar Mater Dei minhabba xi ksur li kellha fil-*pelvis* b'konsegwenza tad-daqqa. Huwa nforma lil Nicolina stess kif ukoll lit-tifel taghha Joseph Debattista, ili c-certifikat mediku kien qieghed ghandu  diga u ma kienx hemm miktub li kien hemm xi ksur anzi li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa, minghajr ksur. Wara Joseph spjegalu illi dak in-nhar ta' l-incident wara hafna hin, kienu ser jibghatu lil ommu d-dar, tant li ghamlulha certifikat ta' griehi ta' natura hafifa ghax hasbu li ma kellha xejn, izda kif raw li kienet ghadha mugugha hafna regghu ghamlulha xi testijiet ohra fejn irrizulta li kellha ksur fi-pelvis.

Ghaldaqstant huwa nforma lil Debattista sabiex ikelmu li Dr. Zammit u jipproduci certifikat mediku tal-griehi proprja li garbet Nicolina. Nhar is-16 ta' Novembru, 2011 filghodu mar is-sur Joseph Debattista it-tifel tal-vittma, fejn ipprezentalu certifikat mediku mahrug mill-istess tabib J. Zammit liema certifikat kien jindika li s-sinjura Debattita kienet qieghda issofri minn ksur tal-pelvis fejn il-griehi huma ta' natura gravi. Ghaldaqstant huwa informa  lis-sur John Paul Farrugia li kienu ser jinhargu l-akkuzi relatati fil-konfront tieghu rigward dan l-incident . L-isketch u c-certifikat gew annessi mar-rapport tieghu.

Rat li l-**Ispettur Roderick Agius** nhar it-3 ta' Gunju, 2014 (fol. 31) ipprezenta l-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll ic-certifikat tat- twelid tieghu.

Semghet lil **Nicolina Debattista, l-allegata vittma** tixhed nhar it-3 ta' Gunju, 2014 (fol. 35) u spjegat illi hija ghandha hamsa u sebghin (75) sena. Mistoqsija jekk tafx lill-imputat tghid li tafu peress li kien tghajjarha nhar id-9 ta' Novembru, 2011. Qalet li qasmet mit-triq u meta giet biex tghaddi minn wara karozza rat dawl fejnha u intilfet minn sensieha. Spjegat li l-incident sehh bin-nhar fil-ghodu bejn is-7.15 u is-7.30, fi Triq il-Bypass tas Siggiewi. Mistoqsija jekk kienx xi dlam tghid li le 'mhux xi dlam'.

Spjegat li kienet qasmet it- triq kollha u waslet biex titla' fuq il-bankina l-ohra u kien hemm karozza li sabtitha ma l-art. Qalet li min tghajjarha kien gej min-naha tax-xellug. Qalet li kienet waslet ghan-naha l-ohra tat-triq ma genb il-karozza u l-karozza li tghajjritha sabtitha mal-karozza zghira li kien hemm ipparkjata. Mistoqsija jekk hassitx id- daqqa tghid li le.

Qalet li giet mehuda l-isptar u damet hemm xahar u nofs peress li kellha ksur fil-pelvis. Mistoqsija jekk tiftakarx l-ghamla tal-vettura tghid li ma tafhiex u lanqas ma taf in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li tghajritha.

Spjegat li t-triq hija wahda dritta u li kienet tghaddi minnha kuljum. Qalet li hija qasmet f'dik il-parti tat-triq fejn hemm speci ta' liwja. Qalet li hi ma ratx il-karozza qabel ma giet ma genbha. Fisret li t-triq hija wahda wiesgha u f'certu partijiet jghaddu zewg karozzi fuq kull kareggjata.

**Karen Cremona** xehdet nhar is-16 ta' Lulju 2014 (fol. 48) u kkonfermat li l-vettura tal-ghamla Toyota Corolla numru ta' registrazzjoni ABL 659 tappartjeni lil Maria Camilleri karta ta' identita numru 246473(M) u din giet *skrepjata* nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru, 2012. Rigward il-vettura numru ta' registrazzjoni JBG 856 din hija tal-ghamla Peugeot 206 ta' kulur ahmar u

tghajjat lil John Paul Farrugia karta ta' identita numru 412581(M) u kellha licenzja valida tal-31 ta' Ottubru, 2014 u pprezenta dokument mahrug mit-Transport Malta ai fini ta'dan il-ghan.

**Dr. Jonathon Zammit** xehed nhar is-16 ta' Lulju, 2014 u kkonferma li huwa jahdem bhala tabib gewwa l-Isptar Mater Dei fl-Emergenza. Mistoqsi jekk huwa ezaminax lil Nicolina Debattista jghid li raha fid-dipartiment tal-Emergenza nhar id-9 ta' Novembru, 2011. Qal li huwa kien hareg zewg certifikati medici. Fl-ewwel certfikat kien kiteb li Debattsita kellha ferita ta' erba' centimetri fuq in-naha ta' wara ta' rasha, tbengila fuq ix- xellug ta' mohha ta' xi zewg centimetri fuq ghajnejha u kellha ksur fil-pelvis f'zewg ghadam fuq in-naha tax-xellug. Ghalhekk minhabba dan il-ksur, il-feriti huma ta' natura gravi u s-soltu iddum xi sitt gimghat biex tfiq. Qal li fl-ewwel certifikat li hareg ma kienx induna li l-pazjenta kellha ksur fil-pelvis u ghalhekk kien hareg it-tieni certifikat.

Semghet lil **PS 856 Conrad Falzon** jixhed fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015, u spjega li kien hu li investiga l-kaz u li kien sahansitra anke mar fuq il-post ta' l-incident fejn korriet Nicolina Debattista u kien hu li hejja l-iskizz relattiv flimkien ma l-okkorrenza. Qal li meta mar fuq il-post is-sinjura Debattista kienet ghadha ma l-art u kien hu li sejhilha ambulanza. Ikkonferma li ghall-ewwel it-tabib li ccertifika lil Debattista kien stqarr li kienet qed tbati minn feriti ta' natura hafifa izda wara nhareg it-tieni certifikat fejn hemm indikat li kellha ksur fil-pelvis u li ghalhekk il-feriti kienu ta' natura gravi kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 12. Huwa kkonfema ukoll il-kontenut ta' l-okkorenza esebita fl-atti.

L-imputat *a tempo vergine* tal-investigazzjoni kien stqarr li huwa kien ghaddej mill- bypass tas-Siggiewi ezattament minn Triq Mikiel Azzopardi direzzjoni lejn Haz-Zebbug u fil-pront qasmitlu mara minn naha l-ohra tat-triq u kiser f'daqqa wahda ghal nofs it-triq sabiex jevitha, pero' spicca laqatha xorta. Jghid ukoll li kien caqlaq il-vettura u nehhiha minn fejn kienet sabiex ma jkunx hemm

kongestjoni tat-traffiku. Nicolina Debbattita stqarret *a tempo vergine* tal-incident li hija kienet qed timxi fi Triq Mikiel Azzopardi fejn hekk kif marret biex taqsam it-triq u ma rat lil hadd u appena qasmet rat id-dawl ta' karozza u ppruvat thaffef il-pass imma lahaq hadha xorta wahda. Irrizulta ukoll li fit-triq dak il-hin ipparkjata kien hemm il-vettura ta' Marisa Collings numru ta' registrazzjoni ABL 659 u din giet milquta minn Nicolina Debattista bid-daqqa li qalet fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem.

**Dr. Thomas Azzopardi** xehed nhar il-21 ta' April, 2015 u kkonferma li huwa jahdem kemm fl-isptar Mater Dei kif ukoll fl-isptarijiet privati hawn Malta. Ikkonferma li Nicolina Debattista kienet dahlet taht il-kura tieghu fid-9 ta' Novembru 2011 u kellha xi *head injuries* kif ukoll ksur fil-pelvis. Fortunatament ma kellhiex bzonn ta' operazzjoni izda kellha bzonn rehabilitation . Ikkonferma li l-fejqan taghha dam aktar minn tletin (30) jum.

**Dr. Edward Bellia** xehed fl-istess jum tal-21 ta' April, 2015 u stqarr li jahdem bhala tabib gewwa l-isptar ta' riabilitazzjoni Karen Grech. Dan ikkonferma li Nicolina Debattitsa iddahlet l-isptar Karen Grech ghar-riabilitazzjoni. Ikkonferma li kienet tbati miz-zokkor u mill-pressjoni gholja, izda kellha ukoll ksur tal- pelvis.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-13 ta' Mejju 2015 (fol. 109), liema artikoli gew moqrija waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru, 2016 meta l-imputat stqarr li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Magistrat sedenti b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 26 ta' Ottubru 2017.

Rat illi l-imputat ma kienx qed jinsisti li din il-Qorti kif preseduta terga' tisma' x-xhieda kollha gja mismugha.

Semghet lill-allegata vitma **Nicolina Debattita** terga' tixhed u dan fl-14 ta' Novembru 2017. Stqarret li l-incident sehh meta hija kienet qeghda taqsam it-triq Mikiel Azzopardi Siggiewi li hija triq prinicipali. Minn dak in nhar 'l hawn ma hargitx aktar wahedha izda dejjem fil-kumpanija tat-tfal. Tghid li ma kienitx qed taqsam minn fuq *zebra crossing* ghaliex dawk kienu 'l boghod. L-incident sehh kmieni filghodu ghal habta tas-7.00 jew 7.15 . Kienet tohrog kmieni ghall-habta tas-6.00 a.m. Dakinhar ma kienx id-dlam pero' kien hemm l-irxiex tant li kellha ukoll umbrella. Fil-fatt waqt li kienet ma l-art kien hemm guvnott li zammilha l-umbrella sabiex ma tixxarrabx.

Tiftakar li qabel ma qasmet it-triq kienet harset lejn iz-zewg nahat tat-triq u appena waslet ghan-naha l-ohra tat-triq rat dawl ta' karozza u instabtet ma karozza ohra li kien hemm ipparkjata fil-vicinanzi, spiccat ma l-art u l-vettura li laqtitha baqghet sejra fis-sens li waqaf 'l quddiem mhux fil-pront mal-habta.

L-**imputat John Paul Farrugia** ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju. Jghid li jiftakar li nhar id-9 ta' Novembru, 2011 fil-ghodu ghall-habta tas-7.00 a.m. kien telaq mid-dar biex immur ghax-xoghol. Huwa jghaddi mis Siggiewi u proprju minn triq Mikiel Azzopardi ta' kuljum. Dak in-nhar kien l-irxiex. Qal illi jahdem l-Imriehel u jibda xoghol fit-tmienja (8:00) u minhabba t-traffic jitlaq ftit kmieni mid-dar. Spjega li l-incident sehh f'dik il-bicca hdejn il-*Limestone Heritage* u jghid illi ftit qabel ma tasal ghal-*Limestone Heritage* hemm speci ta' liwja. F'daqqa u l-hin waqt li kien ghaddej ra mara f'nofs ta' triq, ipprova jikser kollox biex ma jolqothiex u laqatha bil-fanal fl-ahhar bicca u jghid li mbaghad tefa' fil-genb. Jaf li kien hemm mara ohra li xtaqet iccaqlaqha pero'qalilha biex ma ccaqlaqhiex, imbaghad cempel l-ambulanza u baqa' sakemm waslet l-ambulanza u haditha.

Dak il-hin qalulu li ma kellha xejn pero' gie mgharraf li kellha biss xi griehi hfief. Pero' jaf li xi wara jumejn (2) kienu cemplulu mill-Ghassa tal-Pulizija ta'

Hal-Qormi u l-pulizija gharrfuh li kellha xi fratturi fil-*hip bone* u qalulu li ghalhekk ikollu jitla' l-Qorti. Mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux xi kawza civili fil-konfront tieghu, jghid li le m'ghandux u din hi l-unika kawza li ghandu rigward dan l-incident.

L-ewwel darba li ra lis-Sinjura Debattista kienet proprju meta kienet f'nofs ta' triq waqt li kien fuq il-bypass naturalment waqt li kien ghaddej b'xi sittin kilometri fis-siegha (60km/h). Jghid illi fil-fatt ghall-ewwel haseb li se tieqaf pero' mbaghad baqghet taqsam u ghalhekk isswervja biex jipprova jevitaha. Jghid li fil-fatt sahansitra anki kien hemm iz-*zebra crossing* u xi *lights* ftit iktar 'il boghod.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-atti nhar il-15 ta' Jannar, 2018 u dik ta' l-imputat ipprezentata fl-atti nhar il-15 ta' Frar 2018.

Semghet il-partijiet jawtorizzaw il- Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2018.

Ikkunsidrat.

Illi dwar il-fatti partikolari tal-kaz ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. L-incident sehh fi Triq Mikiel Azzopardi, Siggiewi hdejn il-Limestone Heritage nhar id 9 ta' Novembru, 2011 ghall-habta tas-7.00 a.m. meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'sittin kilometru s-siegha meta f'daqqa u l-hin investa fl-allegata vitma. Il-vittma Nicolina Debattista spiccat issofri minn feriti ta' natura gravi stante li kellha ksur fil-pelvis taghha kif iccertifika il-Konsulent Mr. Thomas Azzopardi.

Il-Qorti tinnota li minkejja li fl-akkuzi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat talli huwa laqghat lil Debattista minhabba negligenza u non osservanza tar-

regolamenti kif dispost fl-**Artikolu 226** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali fir-Rinviju tieghu ghogbu jakkuza ukoll l-imputat talli saq b'manjera traskurat, bla kont perikoluz kif dispost fl-**Artikolu 15 tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim."**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**" [3.12.1960].)

Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs Anthony Chircop**" deciza fil-11 t' April 2002 kif ukoll moghtija fl-istess jum fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Domenic Fenech**" gie dejjem ritenut mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali li l-kwistjoni jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "*degree*" (App. Krim. **Pul. Vs Charles Bartolo** 14.3.59; **Pul. Vs. Wilson**, Vol XXXIX, p 1018 u **Pul. Vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. Vs. Hardingham**, 19.10.1963).

Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul Vs. Charles Farrugia**, Vol. XXXIX, p. 1018). "*Recklessness*" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye*" (App. Krim. **Pul. Vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. Vs. Antonio Spiteri**, Vol. XLIV p. 892).

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri per. Imhallef J. Galea Debono) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** deciza fit-22

ta’ Novembru, 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta’ tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

"*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort'ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859).

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

"*Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian .*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

"*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx*

*jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b'margini sufficienti ta' sikurezza*." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. George Muscat**" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947).

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva*." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Formosa**" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023).

F'sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-*emergenza subitanea* tavverra ruha ; eg. "*meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Thornton**" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"*Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a*

*trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti; b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo; c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente*."”

Il-Qorti kompliet tghid: “*Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li “Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view*”. (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963]) u li “*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout*” (Appell Kriminali: “**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla**" [17.6.1961]).

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well*." ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**." [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam,” (f’dana il-kaz il-vittma kienet mara) “dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f’Sede Kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f'dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: “**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri**” [16.3.1961]; “Il-Pulizija vs. John Polidano“[3.11.1963]“**Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud**” (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.).

Fi kliem iehor, il-“*contributory negligence*” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim.” **Il-Pulizija vs P. Vassallo**”, [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]). Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza

kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Ikkunsidrat, illi l-Highway Code jghallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imharsa s-segwenti regolamenti:

"23. *Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

*24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

*25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.*

*26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda*".

Imbaghad ikompli:

33. "*Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak*".

Illi mill-fatti specje ta’ dan il-kaz jirrizultaw is-segwenti fatturi:

1. Illi l-parti leza Nicolina Debattista kienet qed taqsam triq wiesgha u traffikuza.

2. Illi hija qasmet minn naha ta’ triq ghan-naha l-ohra tat-triq wiesgha u principali vicin tal-OK maghruf bhala Limestone Heritage.

3. Illi Nicolina Debattista mhiex konsistenti f’dak li tghid u dan ghaliex f’hin minnhom tghid li ma ratx lill-imputat gej minkejja li harset lejn iz zewg nahat tat-triq qabel ma qasmet u li giet milquta meta waslet lejn in-naha l-ohra tat-triq u f’mument iehor tghid li rat lill-imputat u pprovat thaffef il-pass pero cio’ nonostante xorta laqghatha .

4. L-imputat kien qed isuq fi triq dritta u wiesgha u ghalhekk kellu vizwali tajjeb ta’ dak kollu li kien qed jigri quddiemu, izda jghid illi lil Debattista raha f’nofs ta’ triq b’mod inaspettat u minkejja li ttenta jiskapola ma rnexxilux.

5. Fuq il-post ta’ l-incident ma nstabu l-ebda brejk marks li setghu jindikaw li l-imputat kien ghaddej b’xi speed eccessiv aktar minn dak permess mill-ligi. Jirrizulta minn dak li stqarr l-imputat stess li ma giex kontestat li l-imputat kien qed isuq b’sittin (60) kilometru s’siegha u ghalhekk fil-parametri tal-ligi meta Debattista giet milquta. L-ispeed tal-imputat ma kienx jeccedi l-limitu ta’ velocita’ permess f’dik iz-zona, u ghalhekk is-sewqan tieghu zgur ma kienx xi wiehed perikoluz.

6. Illi l-imputat kien konsistenti f’dak li qal u spjega li l-ewwel darba li ra lill-allegata vittma kien meta kienet f’nofs ta’ triq u dan meta kien wasal ghal dik il-parti tat-triq fejn hemm liwja u ghamel hiltu kollha biex jevitha tant li kiser kollox izda xorta laqatha bil-fanal fl-ahhar bicca.

7. Illi ma hemmx dubju li kienet l-allegata vittma li kienet traskurata fid-decizjoni li hadet ta' meta kellha taqsam it-triq ghax ma kkalkulatx li minkejja li riedet thaffef il-pass, xorta kienet ser tigi milquta mill-vettura li rat gejja fid-direzzjoni taghha pero' minflok ma waqfet u hallietha tghaddi iddecidiet li tkompli taqsam it-triq.

8. Illi ma jidhirx li in effetti l-imputat wera xi kontributorjeta' ghall-incident li gara u dan ghaliex jidher li s-sewqan tieghu kien wiehed regolari.

Illi ghalhekk minn dak li gie espost aktar il'fuq ma jidhirx li l-imputat ghandu jitqies li saq b'xi manjiera perikoluza, traskurata jew bla kont u ghalhekk dawn l-akkuzi ma jirrizultawx provati.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' li l-imputat b'negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Nicolina Debattista, jinghad li waqt li huwa minnu li Debattista spiccat issofri minn ferita gravi kagun ta' l-incident awtomobilistiku l-Prosekuzzjoni kellha tipprova n-nexus bejn il-htija ta' l-imputat u cioe' li saq bla ma osserva r-regolamenti tat-traffiku u l-feriti subiti minn Debattista.

Il-Qorti trid tara x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident fejn fiha l-kwerelanta spiccat b'feriti gravi. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hija li tipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u tipprova adegwatament tistabbilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, billi tipprova l-kondotta negligenti tal-imputat, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb '*imprudenza*', '*negligenza'* jew '*traskuragni*' jew ta' hila, ta' *'imperizja'* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita' diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu

jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut. Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:-

"*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto*".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibilitajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' ta' feriti gravi. L-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

"*Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …*" u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 226 tapplika wkoll ghal min ikkaguna feriti ta' natura gravi.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe':-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;
2. kkaguna l-feriti gravi;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:- "*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*"

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione – 1127 pagna 46 jghid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettall dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *'culpa'*, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li mhix inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova n-nexus bejn il-ferita gravi tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct.* (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u jekk kien dan l-istess nuqqas kien il-kagun tal-incident fejn fih korra l-kwerelant jew jekk tali nuqqas kienx wiehed indipendenti mill-kawza tal-incident.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jistghu jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "*esprit de voiture*". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw

dak li gara, dawn il-provi ndizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat. Illi m'hemmx dubju li din il-Qorti trid tara wkoll jekk il-kwerelant ikkontribwiex ghal dan l-incident bis-sewqan tieghu jew jekk l-incident sehhx minhabba xi nuqqas tal-imputat jew jekk kienx il-kwerelant stess li kkontribwixxa ghal dan l-incident.

Jinghad li l-imputat kien qed isuq ghall-affari tieghu ghaddej b'sittin kilometru is-siegha fi triq principali meta fil-hin ra lill-allegata vittma f'nofs ta' triq tittanta thaffef il-pass biex tevitah meta isswervja biex jevitha, izda laqatha. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-incident ma sehhx tort ta' l-imputat izda tal-kwerelanti li ma zammitx *proper look out* meta giet biex taqsam triq principali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe l-Artikoli 17, 31, 226 (1) (a) (ii) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 (1) (a) u 15 (2) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOHN PAUL FRRUGIA hati ta' l-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija .**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**